MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 2307/2003

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Caseta Investments Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm846.00) rappresentanti import ta' disa' kambjali, kollha ta' erbgha u disghin lira (Lm94.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2003 sa Novembru, 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklussivament;**
**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' Novembru, 2003 jammontaw ghal tletin lira Maltija (Lm30.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-**

**pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2004 dehret ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fit-22 ta' April, 2004, li biha stante pagament fil-mori tal-kawza ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm376.00) in kwantu ghal tnejn u erbghin lira (Lm42.00) ghall-imghax sal-25 ta' Marzu, 2004 u l-bilanc ta' tlett mija u erbgha u tletin lira (Lm334.00) akkont tas-sorte, irriduciet s-sorte bl-istess somma ta' tlett mija u erbgha u tletin lira (Lm334.00) u zammet ferm ghall-bilanc tas-sorte ghal hames mija u tnax-il lira (Lm512.00) bl-imghax mis-26 ta' Marzu, 2004 u l-ispejjez tal-kawza.**

**Ra li fis-seduta tat-22 ta' April, 2004, Roberta Cassar ghas-socjeta` konvenuta ammettiet t-talba kif ridotta.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif ridotta jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnax-il lira (Lm512.00) bl-imghax mis-26 ta' Marzu, 2004, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------